# META CCEDI TIRBAH U ZZOMM IL-PACI.



Koppja ghalqet 60 sena mizzewga. Matul il-hajja taghhom huma qasmu kollox flimkien, ferh u dwejjaq, success u falliment. Kienu jitkellmu fuq kollox u minn xulxin qatt ma hbew xejn.

Imma l-mara kellha sigriet wiehed li hbiet minn zewgha. Kellha kaxxa taz-zraben merfugha fuq il-gwardarobba u talbet lil zewgha biex qatt ma jipprova jara x'kien fiha l-kaxxa jew jistaqsiha fuqha.

Filwaqt li hu weghdha li ser jimxi fuq xewqitha, qatt ma haseb aktar fuq din il-kaxxa. Jum wiehed martu mardet u t-tabib qalilhom li minnha qatt ma hu ser tfieq.

Meta t-tabib telaq hija talbet lil zewgha biex igibilha l-kaxxa ghax issa wasal il-mument li tghidlu fuqha. Talbitu biex jiftaha u meta ghamel hekk ra li fiha kien hemm 25,000 dollari, u zewg bicciet tal-bizzilla.

“Meta izzewwigna,” qaltu martu biex tispjegalu l-kontenut tal-kaxxa,” nannti tatni parir li jekk irrid li jkolli zwieg ferhan, kelli nevita kull argument ma zewgi. U jekk xi darba kellu jigi xi mument li nkun rrabjata mieghek, kelli naghlaq halqi biex inzomm is-skiet u nahdem ftit bizzilla.”

Ix-xih ikkommova ruhu u ghal ftit ma bekiex. Kien hemm biss zewg bicciet ta’ bizzilla. Martu kienet irrabjat darbtejn biss mieghu matul dawk is-snin ta’ imhabba li ghexu flimkien.

“Imma kif tispjega l-flus?”

“Oh! dawk huma l-flus li qlajt bil-hidma tieghi bix-xoghol tal-bizzilla.”

*Meta bniedem icedi, u ma jfittix dak li hu tieghu bil-piki u tghajjir u l-glied, dan ikun rebbieh. U fuq kollox igawdi l-paci.*

*Dan ma jfissirx li wiehed ma jurix il-fehma tieghu. Anzi meta naqsmu l-fehmiet taghna ma’ xulxin, nakkwistaw hafna gid. Imma meta l-fehma taghna mhux milqugha, niefqu hemm u nhallu kollox ghaddej, ghax argumenti jaqilghu l-glied u jgibu l-gdiedem.*

*Ma hiex haga hafifa taghmel hekk.  Trid ikollok karattru sod. Itlob lil Mulej jaghtik dan il-karattru li ccedi u thobb fil-familja. Hekk kulhadd jghix kuntent u ferhan fil-Mulej li jitfa’ l-barkiet tieghu ta’ paci.*